**Laqgha Numru 04/K7/2013 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

Ir-Raba' Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Mark Causon talab li jkun skuzat. **(Dok. A)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-2 ta' Mejju 2013. L-Agenda kienet:

**01. Tender 08/2011 for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries.**

**02. Jum Pembroke 2013.**

## 01. Tender 08/2011 for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona li wara l-laqghat li saru mal-kuntrattur fil-gimghat li ghaddew, ir-rapporti tal-CM ghax-xahar ta' Marzu, April u Mejju **(Ara Dok. B)** u d-Default Notices mahruga, fejn ma kien hemm ebda reazzjoni pozittiva minnaha tal-kuntrattur, il-Kunsill ghandu b'effett immedjat jittermina l-kuntratt mal-kumpanija Absolute Cleaners Ltd. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandha tingibed il-Garanzija Bankarja biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li ser ikollu jaghmel il-Kunsill, inkluz sabiex jigu koperti l-ispejjez zejda, li jista' jaghmel il-Kunsill biex isir xoghol b'emergenza u jsir ix-xoghol kollu li ma kienx sar tul il-perjodu tal-kuntratt u li ghadu pendenti, il-penali li jista' jehel il-Kunsill minhabba li jidher li ma sarx il-bexx kontra l-bumunqar kif ukoll li fl-eventwalita' li l-Kunsill ikun ghad fadallu xi bilanc mill-Garanzija Bankarja dan ghandu jigi rifuz lura lill-kuntrattur.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona l'immedjatament abbazi tal-kundizzjonijiet tat-tender prezenti, ghandhom jinhargu kwotazzjonijiet separata b'emergenza ghal servizz ta': (1) Knis, qtugh ta' haxix u tindif ta' toroq urbani; (2) Knis, qtugh ta' haxix

u tindif ta' toroq mhux urbani u (3) Qtugh ta' haxix, tindif u zbarazzar ta' 'soft areas', li l-avviz jigi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-gurnal The Malta Independent Daily u li d-data ta' l-gheluq ghandha tkun nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2013. Il-kelliem ippropona wkoll li abbazi tad-diskussjonijiet li saru bejn il-membri tal-Kunsill, ghandhom jinhargu tenders ghal servizz ta' (1) Knis, qtugh ta' haxix u tindif ta' toroq urbani; (2) Knis, qtugh ta' haxix u tindif ta' toroq mhux urbani u (3) Qtugh ta' haxix, tindif u zbarazzar ta' 'soft areas', li l-mizata ghandha tkun ta' €50.00 ghal kull dokument ta' l-offerta u li l-avviz ghandu jigi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, The Malta Independent Daily, il-Kullhadd, il-Mument u Times of Malta.

1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Jum Pembroke 2013.

2.01. Is-Sindku Dean Hili talab lill-Kunsilliera prezenti biex iressqu l-proposti taghhom. Il-kelliem irrakkomanda li ma tittiehed ebda decizjoni finali halli l-Kunsill ikollu bizzejjed zmien jgharbel u jevalwa finanzjarjament il-proposti kollha li ser isiru.

2.02. Waqt id-diskussjoni li fiha kien hemm il-partecipazzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill, il-proposti li saru kienu jinkludu:

(a) Dawra edukattiva u kulturali bit-train madwar il-lokal fejn l-operatur ghandu jintalab li jipprovdi prezzijiet specjali;

(b) Lejla letterarja edukattiva u kulturali fejn issir il-prezentazzjoni tal-kotba lill-istudenti tas-sitt sena skolastika tal-Kullegg Santa Klara Skola Primarja Pembroke, jinghataw rikonoxximent l-ex Membri tal-Kunsill ta' l-ahhar Legislatura, partecipazzjoni tal-Pembroke Scouts, ect... Il-post gie ssuggerit li jkun il-parkegg li hemm quddiem il-facilitajiet tal-Girl Guides;

(c) Flimkien u bil-kollaborazzjoni ta' Nature Trust tigi mistharga l-possibilita' ta' mixja nformattiva fuq il-Garigue Park li jaghmel parti ntegrali mis-sit Natura 2000. Din l-attivita' tista' ssir fil-hinijiet ta' tard wara nofsinhar fil-hinijiet ta' qabel inzul ix-xemx;

***2.03. Fid-9.10pm, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra.***

(d) Possibilita' l'issir kompetizzjoni tal-gostra fil-bajja ta' Pembroke;

(e) Il-Kunsill jistieden lid-diversi ghaqdiet tal-lokal biex jippartecipaw fl-attivitajiet kollha li ser jaghmel il-Kunsill fosthom u mhux l-anqas ghaqdiet sportivi, il-Knisja, NGO's, ect, u dan biex ir-residenti tal-lokal ikollhom gharfien dwarhom u s-serviziz li jaghtu;

(f) AFM Plant Troop, Korp tal-Pulizija, Mini Club 40, Blood Donation Unit, Esebizzjoni statika ta' karozzi moderni, Esebizzjoni ta' statika ta' Vetturi Militari, Malta Polo Club;

(g) Wara li tinhareg cirkulari, jekk ikun hemm konkorrenza, fil-Kunsill tinzamm esebizzjoni ta' passatempi u kollezzjonijiet li ghandhom ir-residenti tal-lokal;

(h) Attivita' popolari fil-Gnien Pembroke possibilment bil-partecipazzjoni ta' xi banda muzikali; talent lokali; treasure hunt edukattiv; huggiega ta' San

Gwann; stands informattivi bhal ta' l-ambjent, riciklagg, annimali ect; attivitajiet ghat-tfal bhal bouncing castle, face painting u baloon making; stands ta' l-ikel b'xi majjalata;

2.04. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fl-10.30pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Dean Hili | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |